# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 08

Il-Ħamis 30 ta' Jannar 2020

Il-Kunsill Lokali Il-Fontana ltaqa' fis-Sala tal-Komunita' li tinsab fi Triq ta' Mulejja, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi-Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Jonathan Cefai - Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

## 08.1 Talba

08.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-5.30 ta' filgħaxija. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

## 08.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

08.2.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa, għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 08.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

08.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 7 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

08.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

08.3.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

08.3.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 08.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

08.4.1 Is-Sindku, s-Sur Saviour Borg, għarraf lill-membri li ġiet ppubblikata it-28 ħarġa tal-fuljett "Tagħrif mill-Kunsill Tiegħek". Dan ser jitqassam lir-residenti tal-lokalita'. Il-fuljett ġie ppreparat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

08.4.2 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg informa lill-membri li saret l-assigurazzjoni tas-saħħa għall-membri u l-ħaddiema tal-Kunsill għas-sena 2020.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

08.4.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li fit-2 ta' Jannar 2020 bdiet l-iskrivana tal-Kunsill fuq bażi *part-time* u ġie ffirmat il-kuntratt tal-impjieg għal tlett snin skont kuntratt li intbagħat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

08.4.4 Is-Sindku għarraf ukoll li f'Jum il-Milied tqassmu 22 ikla lill-anzjani li jgħixu waħedhom fil-lokalita'. Dawn tqassmu mis-Sindku u mill-Kunsilliera Horace Micallef u Carmel Farrugia.

08.4.5 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg, informa lill-membri li sar ix-xogħol ta' qlugħ tal-pjanti taż-Żejt ir-Rieġnu mill-Wied tax-Xlendi.

08.4.6 Is-Sindku informa lill-membri li twaħħlu l-qsari tal-irħam quddiem in-niċċa tas-Salvatur u tħawlu l-pjanti ġo fihom.

08.4.7 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill irċieva għotja ta' mudell tat-Tagliaman, biċċa opra tal-baħar li kienet tintuża sas-snin 50 tas-seklu l-ieħor mis-sajjieda tat-Triq tal-Għajn fil-bajja tax-Xlendi. Huwa qal li din l-għotja ġiet maħduma u mgħotija lill-Kunsill mis-Sur Anthony Cordina (ta' Ġużepp tal-Bażolli), sajjied mill-Fontana li joqgħod ir-Rabat.
Il-Kunsillier Horace Micallef qal li l-Kunsilliera setgħu ġew avżati minn qabel dwar dan filwaqt li l-Viċi Sindku Josephine Camilleri qalet li taqbel ma' dak li qal il-Kunsillier Micallef. Il-Kunsillier Carmel Farrugia qal li hu ġie avviċinat mis-Sur Cordina biex imur għal dan il-mudell u jieħdu l-Kunsill. Is-Sindku qal li wara li s-Sur Cordina kien ser jagħti dan il-mudell lill-Kunsill, ma kienx ser jimponi hu biex jieħu lill-Kunsilliera kollha d-dar tiegħu biex jiġbru dan il-mudell, dan għar-raġuni li s-Sur Cordina lilhom qal.

08.4.8 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li attenda għas-Seduta tal-Parlament tas-Sindki nhar id-29 ta' Jannar 2020.

08.4.9 Is-Sindku qal li wara li kienet inħarġet it-*timetable* tax-xogħlijiet ta' Proġett Għawdex mill-Ministeru għal Għawdex f'Diċembru li għadda, u l-kuntrattur għandu jibda x-xogħol fi Triq il-Għajn fi Frar 2020, ippropona li ssir laqgħa mal-kuntrattur, mal-Perit tal-Kunsill tal-proġett, ma' Transport Malta u mal-Inġinier tal-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma fuq il-post biex jiġi deterimnat kif u meta ser jibda x-xogħol.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

08.4.10 Is-Sindku għarraf lill-membri li wara komunikat bejn il-Kunsill u l-Awtorita' tal-Ippjanar, il-Kunsill ġie nfurmat li fil-fond tad-*Development Planning Fund* (DPF) il-Kunsill tal-Fontana għandu bilanċ ta' €25,778.21. Is-Sindku ppropona li ssir talba lill-istess Awtorita' tal-Ippjanar sabiex dawn il-fondi jiżdiedu mal-fondi diġa' allokati għall-proġett ta' tisbieħ fi Trejqet iċ-Ċentru Parrokjali u parti minn Triq Ta' Mulejja biex il-Kunsill joħroġ anqas flus mill-fondi tiegħu. Kien hemm qbil dwar dan mill-membri. Fl-istess komunikat li sar, l-Awtorita' tal-Ippjanar ġibdet l-attenzjoni li fil-kuntratt ta' finanzjament għall-proġett ta' tisbieħ fi Trejqet iċ-Ċentru Parrokjali u parti minn Triq Ta' Mulejja kien hemm stipulat li l-proġett kellu jitlesta sal-31 t'Ottubru 2019 u għalhekk il-Kunsill ressaq talba għall-estensjoni għat-tlestija tal-proġett sal-aħħar ta' Novembru ta' din is-sena, dan għar-raġuni li minkejja li s-sejħa tal-offerti għal dan ix-xogħol ħarġet tlett darbiet, l-ebda waħda ma kienet valida.

Fuq l-istess proġett ta' tisbieħ bil-*porfido*, is-Sindku għarraf lill-membri li l-Perit tal-Kunsill fuq dan il-proġett, qed iħejji dokument sabiex dan jingħata lill-kuntratturi msemmija fl-aħħar laqgħa, biex tinġab kwotazzjoni għax-xogħlijiet meħtieġa mingħandhom f'*envelope* issiġillat u fi żmien stipulat.

Il-Kunsillier Horace Micallef issuġġerixxa sabiex jintbagħat komunikat lill-Kappillan biex jiġi ddeterminat jekk il-Parroċċa tixtieqx tagħmel ix-xogħol ta' pavimentar fil-parti tal-propjeta' tagħha, u tiffinanzjah hi stess, biex ikun tal-istess materjal u jsir fl-istess żmien. Kien hemm qbil dwar dan mill-membri.

08.4.11 Is-Sindku għarraf lill-membri li kien ġie ffirmat il-kuntratt tad-Data Protection Officer f'Novembru 2019 u ma kellna l-ebda komunikat la min-naħa tal-Kunsill Reġjonali Għawdex u lanqas min-naħa tal-kuntrattur. Is-Sindku ppropona li jiġi nfurmat il-Kunsill Reġjonali dwar dan kif ukoll il-Kunsill għandu jingħata kopja tal-kuntratt iffirmat. Kien hemm qbil dwar dan.

08.4.12 Is-Sindku nforma lill-membri li x-xogħol ta' żebgħa tal-marki stradali ta' Triq il-Kappillan Hili għadhom ma sarux minkejja li saru diversi talbiet fl-aħħar sitt xhur. Huwa ppropona li jittieħdu passi biex tingħalaq għal xi ħin it-triq biex ikun jista' jsir dan ix-xogħol. Il-Kunsillier Horace Micallef qal li dawk ser ikollhom isiru kmieni filgħodu għall-ħabta tal-5.00am minħabba t-traffiku ta' Pjazza San Franġisk qed jgħaddi kollu minn hemm.

08.4.13 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg, ippropona sabiex il-Kunsill jibgħat ittra lill-Onorevoli Ministru Jose' Herrera responsabbli mill-Gvern Lokali b'talba għal żieda fl-allokazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Fontana minħabba li mis-sena l-oħra għal din is-sena l-allokazzjoni żdiedet biss b'madwar €5,000 filwaqt li l-ispejjeż imposti fuq il-Kunsill żdiedu b'madwar €15,000 li jinkludu l-allowances tal-membri tal-Kunsill, l-Onorarja tas-Sindku, id-*Data Protection Officer*, il-*video on demand* tal-laqgħat tal-Kunsill. Dan minbarra spejjeż oħrajn ġodda li m'humiex inklużi f'dan l-ammont. Kien hemm qbil dwar dan.

08.4.14 Is-Sindku informa lill-membri li attenda għal-laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Għawdex li saret dan ix-xahar.

## 08.5 Laqgħa Annwali tal-Lokalita'

08.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv reġa' informa lill-membri li hekk kif maqbul mill-istess membri f'laqgħa preċedenti, il-laqgħa annwali tal-lokalita' kellha ssir hekk kif il-Kunsill jirċievi l-komunikat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali bl-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2020 u qabel jiġu approvati l-estimi finanzjarji tal-Kunsill għas-sena 2020. Minħabba f'hekk wara li sar kuntatt mal-membri kollha ġie deċiż unanimament li l-laqgħa annwali tal-lokalita' issir nhar it-30 ta' Jannar 2020 fil-5.00 ta' filgħaxija.

08.5.2 Il-laqgħa annwali tal-lokalita' saret qabel il-laqgħa tal-Kunsill u kien hemm resident wieħed preżenti għal din il-laqgħa.

## 08.6 Ħruġ ta' sejħiet għall-offerti;

08.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-membri li issa li l-Kunsill irċieva l-allokazzjoni finanzjarja, trid terġa' toħroġ is-sejħa għall-offerti għall-ġbir tal-iskart domestiku u organiku. Il-Gvern Ċentrali alloka s-somma ta' €25,994 għall-ġbir tal-iskart li minnhom il-Kunsill irid jipprovdi wkoll is-servizzi tal-ġbir tal-iskart goff. Il-Kunsill qabel li jalloka minnhom €2,000 għall-ġbir tal-iskart goff.
Wara diskussjoni dwar din il-materja, fuq proposti tas-Sindku, kien hemm qbil mill-membri li fis-sejħa jkun hemm dawn il-kundizzjonijiet:

- Titneħħa l-klawsola dwar il-prezzijiet tal-fuel li jistgħu jinbidlu matul il-kuntratt;



KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

- Issir pjanta tal-bins fejn dawn iridu jitbattlu u jerġgħu jingħalqu wara kull darba li jitbattlu;
- Issir klawsola li l-vettura ma tkunx tqattar x'ħin jintgħasar l-iskart;
- Ikun hemm l-obbligu li l-vettura tal-iskart titbattal minn skart ieħor ta' lokalitajiet oħra qabel jiġi jiġbor l-iskart fil-Fontana;
- Il-ġbir tal-iskart jibda' mhux qabel id-9.00 ta' filgħodu minħabba l-konġestjoni tat-traffiku li jista' jkun hemm;
- L-iskart miġbur mill-Fontana jrid jiġi depożitat fil-faċilita' ta' WasteServ Malta Ltd fl-istess ġurnata li dan l-iskart jinġabar mill-lokailta'.
- It-tul tal-kuntratt għandu jkun ta' sena li jista' jiġġedded anke xahar b'xahar sal-aħħar ta' Settembru tas-sena 2022.

08.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-membri li hekk kif mgħarraf f'laqgħa preċedenti, l-applikazzjoni għall-fond mill-Aġenzija LESA ġiet approvata u l-proġett ta' installazzjoni tal-apparat ġdid tal-logħob fil-playingfield irid jitlesta' sa' Mejju 2020. Għalhekk il-Kunsill ser joħroġ sejħa għall-kwotazzjonijiet għall-provvediment u l-installazzjoni ta' apparat ġdid. Kien hemm qbil mill-membri.

## 08.7 Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji (budget) għas-sena 2020;

08.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-kamra l-estimi finanzjarji (*budget*) għas-sena 2020 mhejji mill-*Accountant* Daniel Galea.
Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg, tenna li mhux ser jiffirma dan id-dokument minħabba li fis-sommarju ma kienx hemm imniżżel li l-Kunsill qed jivvota l-allokazzjoni li ngħatat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali ta' €10,000 għas-servizz tal-knis fil-lokalita'. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li għalkemm fis-sommarju ma kienx hemm miktub, fid-dettalji tal-estimi tal-ispejjeż kienu mniżżla f'paġna 8 tad-dokument. Kien hemm qbil li jiġi emendat is-sommarju qabel dan jiġi approvat u iffirmat.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

## 08.8 Il-Pjan ta' Ħidma ta' Ħames Snin 2020-2024;

08.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-kamra l-pjan tal-ħidma ta' ħames snin 2020 – 2024 (*business plan*) mhejji mill-*Accountant* Daniel Galea.
Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg, tenna li mhux ser jiffirma dan id-dokument minħabba li fis-sommarju ma kienx hemm imniżżel fid-dettall il-proġetti u x-xogħlijiet li l-Kunsill ser ikun qed iwettaq f' din is-sena jiġifieri fis-sena 2020. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li għalkemm fis-sommarju ma kienx hemm miktub, fid-dettalji tal-estimi fil-paġni l-oħra tad-dokument kien hemm kollox imniżżel. Kien hemm qbil li jiġi emendat is-sommarju qabel dan jiġi approvat u iffirmat.

## 08.9 Approvazzjoni tal-*performance appraisals* tal-impjegati tal-Kunsill;

08.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*performance appraisal* tal-*ex* impjegat tal-Kunsill Christopher Buhagiar li kien imhejji mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv ta' dak iż-żmien Manolita Farrugia. Dan ir-rapport ikopri l-perjodu bejn Jannar u Marzu 2019. Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg u l-Kunsillier Carmel Farrugia ivvutaw li jingħata *performance bonus* ta' 4%; il-Kunsillier Horace Micallef ivvota li jingħata *performance bonus* ta' 5%; filwaqt li l-Viċi Sindku Josephine Camilleri u l-Kunsillier Jonathan Cefai astjenew minn dan il-vot minħabba li ma kinux fil-kariga f'dak il-perjodu. Għalhekk ġie approvat *performance bonus* ta' 4% għal dak il-perjodu lill-impjegat Christopher Buhagiar.

08.9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*performance appraisal* tal-*ex* impjegat tal-Kunsill Christopher Buhagiar li kien imhejji mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv ta' dak iż-żmien George Refalo. Dan ir-rapport ikopri l-perjodu bejn April u Ġunju 2019. Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg u l-Kunsillier Carmel Farrugia ivvutaw li jingħata *performance bonus* ta' 4%; il-Kunsillier Horace Micallef ivvota li jingħata *performance bonus* ta' 5%; filwaqt li l-Viċi Sindku Josephine Camilleri u l-Kunsillier Jonathan Cefai astjenew minn dan il-vot minħabba li ma kinux fil-kariga f'dak il-perjodu. Għalhekk ġie approvat *performance bonus* ta' 4% għal dak il-perjodu lill-impjegat Christopher Buhagiar.

08.9.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*performance appraisal* tal-*ex* impjegata tal-Kunsill id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Manolita

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

Farrugia li kien imhejji mis-Sindku s-Sur Saviour Borg. Dan ir-rapport ikopri l-perjodu bejn Jannar u Marzu 2019. Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg u l-Kunsillier Carmel Farrugia ivvutaw li tingħata *performance bonus* ta' 5%; il-Kunsillier Horace Micallef ivvota li tingħata *performance bonus* ta' 6.5%; filwaqt li l-Viċi Sindku Josephine Camilleri u l-Kunsillier Jonathan Cefai astjenew minn dan il-vot minħabba li ma kinux fil-kariga f'dak il-perjodu. Għalhekk ġie approvat *performance bonus* ta' 5% għal dak il-perjodu lill-impjegata Manolita Farrugia. Il-membri li vvutaw kollha qabblu li qed tingħata dan il-persentaġġ baxx minħabba l-mod ta' kif spiċċat mill-kariga fejn irriżenjat f'nofs laqgħa tal-Kunsill.

08.9.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*performance appraisal* tal-*ex* impjegat tal-Kunsill id-Deputat Segretarju Eżekuttiv George Refalo li kien imhejji mis-Sindku s-Sur Saviour Borg. Dan ir-rapport ikopri l-perjodu bejn April u Ġunju 2019. Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg u l-Kunsillier Carmel Farrugia ivvutaw li jingħata *performance bonus* ta' 7.5%; il-Kunsillier Horace Micallef ivvota li jingħata *performance bonus* ta' 8%; filwaqt li l-Viċi Sindku Josephine Camilleri u l-Kunsillier Jonathan Cefai astjenew minn dan il-vot minħabba li ma kinux fil-kariga f'dak il-perjodu. Għalhekk ġie approvat *performance bonus* ta' 7.5% għal dak il-perjodu lill-impjegat George Refalo.

08.9.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*performance appraisal* tal-impjegat tal-Kunsill is-Segretarju Eżekuttiv Ryan Debrincat li kien imhejji mis-Sindku s-Sur Saviour Borg. Dan ir-rapport ikopri l-perjodu bejn Lulju u Diċembru 2019. Kien hemm qbil unanimu mill-membri kollha li jingħata *performance bonus* ta' 9%. Għalhekk ġie approvat *performance bonus* ta' 9% għal dak il-perjodu lill-impjegat Ryan Debrincat.

## 08.10 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti;

08.10.1 DLG Ċirkulari 19/2019 – Sistema ta' Live Streaming. Il-Kunsill irċieva korrispondenza oħra relatata ma dan is-suġġett mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali, fejn id-Dipartiment innota li s-sistema issa hija konformi tat-tibdiliet fir-Riforma tal-Gvern Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

08.10.2 DLG Ċirkulari 23/2019 – Allokazzjoni Finanzjarja għal 2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

08.10.3 DLG Ċirkulari 02/2020 – Aċċess għad-Direttivi, Ċirkularijiet, Memos u Noti. Il-Kunsill innota l-kontenut.

08.10.4 DLG Direttiva 08/2019 – Servizz ta' knis fil-Lokalitajiet. Il-Kunsill innota l-kontenut u ġie rrimarkat li s-servizz provdut preżentament mill-kuntrattur fil-lokalita' huwa wieħed tajjeb u ilmenti fuq nuqqas ta' indafa mhux qed isiru fil-Kunsill.

08.10.5 Il-Kunsill irċieva konferma permezz ta' *email* mingħand GRENKE Renting Limited li r-rappreżentanti taqgħhom ġabru l-*photocopier/printer* mill-Kunsill.

08.10.6 Is-Segretarju Eżekuttiv informal ill-membri li hemm bżonn tixtara l-inka għall-*printer* il-ġdida minħabba li dalwaqt tispiċċa, il-Kunsil qabel.

08.10.7 Il-Kunsill irċieva komunikat mingħand MaltaPost plc dwar l-ilment li kien tressaq rigward reklamar li qed jitqassam bieb bieb li mhux qed jintefa' fil-*letterbox* iżda jintefa' fuq il-bankini. MaltaPost plc infurmat lill-Kunsill li ser tavża lil min hu responsabbli. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill irid jinforma lill-kumpanija LIDL Malta dwar dan l-ilment ukoll għall-istess raġuni.

08.10.8 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Marvic Gauci b'suġġeriment sabiex il-Kunsill juża s-servizzi tal-kumpanija tiegħu 'Kidsfun Entertainment' f'attivitajiet marbutin mal-logħob għat-tfal. Is-Sindku qal li dan jista' jiġi kkunisdrat għall-attivita' Festa Tfal. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

08.10.9 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-*Gozo Action Group Foundation* bl-*invoice* għas-sħubija fil-programm LEADER għas-sena 2020, kif ukoll b'reminder biex titħallas is-sħubija fl-istess programm tas-sena l-oħra. Il-*Gozo Action Group Foundation* fakret li sakemm din is-sħubija tas-sentejn li huma ma tkunx imħallsa, il-Kunsill Lokali Il-Fontana ma jistax japplika għall-ebda miżura jew skema li tippubblika l-fundazzjoni. Il-Kunsill innota l-kontenut u ġie deċiż li jekk il-Kunsill ikun ser japplika għal xi miżura li tkun tgħodd għall-Kunsill, titħallas l-isħubija dakinhar.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

08.10.10 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li saret it-talba lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward il-proposta biex il-Kunsill ikollu l-van tiegħu li tkun taħdem bl-elettriku għas-servizz tal-anzjani tal-komunita'.

08.10.11 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li reġa' ntbagħat *reminder* lill-WasteServ Malta Ltd dwar il-premju li l-Kunsill irċieva fit-3 t'April 2019 fejn klassifika fit-tieni post fl-'Organic Waste Project'.

08.10.12 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Animal Welfare li jaqa' taħt id-Direttorat ta' EcoGozo fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, bit-tnedija ta' skema ġdida 'Cat Café'. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li fil-Kunsill ġew tlett *feeders* ukoll jistaqsu dwar il-possibilta' li l-Kunsill jidħol għal din l-iskema. Il-Kunsillier Horace Micallef qabel ma' din l-inizjattiva. Wara diskussjoni dwar dan, is-Sindku qal li din l-iskema ser tinvolvi spejjeż addizzjonali għall-Kunsill li fil-mument bl-allokazzjoni li qed jirċievi mill-Gvern Ċentrali mhux f'pożizzjoni li jiffinanzja dan il-proġett. Ġie deċiż li bħalissa l-Kunsill ma japplikax għal din l-iskema.

08.10.13 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar biex il-Kunsill, bħala konsulent estern, jekk hu interessat, jista' jattendi u jkun parti mill-kors tas-smigħ tal-appell bin-numru 00025/20. Il-Kunsill innota l-kontenut.

08.10.14 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-kumpanija '356 Group' sabiex jitolbu permess sabiex Triq il-Għajn tingħalaq għat-traffiku biswit l-istabiliment 'La Grotta' fit-tlett ijiem bejn id-19 u l-21 ta' Ġunju 2020 bejn id-9.00 ta' filgħaxija u s-6.00 ta' filgħodu. Wara diskussjoni dwar dan mill-membri, ġie nnutat li l-parti tat-triq indikata ma taqax fil-konfini tal-Kunsill Lokali tal-Fontana u dik il-parti tat-triq ma tiġix parti minn Triq il-Għajn.

08.10.15 Is-Segretarju tal-Kunsill ressaq suġġeriment sabiex il-Kunsill jixtri xkaffar u jikkonverti l-i*store* li jinsab ħdejn it-*toilets* tas-Sala tal-Komunita' f'arkivju għad-dokumenti tal-Kunsill minħabba nuqqas ta' spazju fl-uffiċċju preżenti. Is-Sindku qal li hemm xi xkaffar fil-garaxx tal-Kunsill li kien inxtara għal dan il-għan.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

08.10.16 Ċirkulari AKL 2020/001 – Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa 2020. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil li din il-polza tiġġedded għall-membri u l-impjegati tal-Kunsill.

08.10.17 Ċirkulari AKL 2020/002 – Parteċipazzjoni tal-Kunsilli Lokali fl-'Earth Hour' 2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

08.10.18 Ċirkulari AKL 2020/003 – Polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus għar-Reġjuni u Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil li din ma ssirx minħabba li jsir depożitu tal-flus fil-kont tal-bank ta' sikwit biex ma jinżammux flus kontanti fl-uffiċċju tal-Kunsill.

08.10.19 Ċirkulari AKL 2020/004 – L-użu tal-lingwa Maltija. Il-Kunsill innota l-kontenut.

08.10.20 Ċirkulari AKL 2020/005 – Personal Accident Policy. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil li din il-polza tiġġedded għall-membri u l-impjegati tal-Kunsill.

08.10.21 Ilment 16/2019
Jitlob sabiex issir rampa minn Triq Għajn Tuta għal ġol-għalqa tiegħu minħabba li m'għandux aċċess biex jinżel bil-makkinarju tiegħu. Kien hemm qbil mill-membri preżenti sabiex issir talba fis-sistema tal-Ministeru Għal Għawdex biex isir dan ix-xogħol ġaladarba dan ix-xogħol isir skont il-permessi kollha meħtieġa.

08.10.22 Ilment 17/2019
Jitlob sabiex il-bankina titbaxxa fl-indirizz imsemmi fl-ilment fi Triq il-Kappillan Hili sabiex ikun jista jdaħħal il-vettura tiegħu. Kien hemm qbil mill-membri sabiex dan ix-xogħol isir mill-Kunsill. Għalhekk għandu jinstab kuntrattur biex iwettaq dan ix-xogħol.

08.10.23 Ilment 01/2020
Tilmenta sabiex isir xogħol ta' *patching* fi Triq il-Għajn quddiem ir-residenza tagħha. Is-Sindku qal li dan ix-xogħol diġa' sar mill-Ministeru għal Għawdex, dan għar-raġuni li ntbagħat l-ilment lilhom mill-Kunsill.

08.10.24 Ilment 02/2020
Titlob sabiex il-bankina quddiem ir-residenza tagħha fi Triq il-Għajn issir rampa biex tkun tista tidħol bil-vettura tagħha. Tilmenta wkoll li l-vetturi qed jitilgħu jipparkjaw fuq il-bankina bil-konsegwenza li qed

ikissru l-għatu tas-sifjun tad-drenaġġ li jinsab fil-bankina. Is-Sindku wieġeb li biex isir ir-rampa l-Kunsill għandu jagħmel talba fis-sistema tal-Ministeru għal Għawdex peress li dik hi triq taħt ir-responsabilta' tal-Gvern Ċentrali, filwaqt li fuq il-problema tal-vetturi li qed jitilgħu fuq il-bankina, is-Sindku saħaq li hemm bżonn aktar infurzar mill-uffiċċjali tal-komunita' (*wardens*) minħabba li diġa' hemm sinjali biex ma jipparkjawx. Dwar ir-*railings,* il-Kunsillier Horace Micallef qa li ma jistax isir skont il-proċeduri ta' Transport Malta. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

## 08.11 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

08.11.1 Il-Viċi Sindku Josephine Camilleri staqsiet dwar l-ikla tal-Milied li titqassam lill-anzjani fil-Milied. Hija qalet li kien hemm persuna li avviċinat lilha tilmenta li ma ġietx ikkuntatjata mill-Kunsill biex tingħata l-ikla. Is-Sindku talabha biex wara l-laqgħa tinfurmah min hi din l-persuna u kompla jgħid li l-Kunsill għandu l-lista tan-nies li għandhom aktar minn 60 sena u li jgħixu waħedhom. Huwa qal li din il-lista tiġi aġġornata kull sitt xhur iżda dawk li jirrifjutaw għal diversi drabi ma jerġgħux jiġu kkuntatjati. Il-Viċi Sindku ssuġġeriet sabiex flok ikla tista' tingħata kaxxa ċikkulatini lil dawn in-nies iżda s-Sindku qal li l-ikla qed tintlaqa' tajjeb u tkun ferm apprezzata.

08.11.2 Il-Kunsillier Horace Micallef ressaq suġġeriment f'isem resident fi Triq is-Sajjieda sabiex isiru *double yellow lines* ma' ġenb wieħed tal-garaxx. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

08.11.3 Il-Kunsillier Horace Micallef għarraf lill-membri tal-Kunsill li għas-servizzi tiegħu fil-bord tal-għażla għall-ħatra tal-iskrivana tal-Kunsill ma talab l-ebda ħlas. Is-Sindku stqarr l-istess ħaġa wkoll. Il-Kunsill innota dan.

08.11.4 Il-Kunsillier Jonathan Cefai ressaq ilment dwar fanal fi Triq il-Kappillan Hili li jinsab mitfi.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

**08.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;**

08.12.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 07/2019 għall-perjodu bejn l-20 ta' Diċembru 2019 u t-30 ta' Jannar 2020 li tammonta għal €19,849.96 ġiet approvata u ffirmata.

**08.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

08.13.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fit-8.00 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tlieta 25 ta' Frar 2020 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta 25 ta' Frar 2020.

| | |
|---|---|
| *IFFIRMATA* | *IFFIRMATA* |
| Saviour Borg | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA